

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Ottubru 2012 —
Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-497/11 P) ⁽¹⁾

(Appell — FEŻR — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Programm operativ li jaqa' taħt l-objettiv 1 (1994-1999), “Aċċessibbiltà u Toroq Princípali” fil-Greċja — Delega tal-obbligi awżiljarji mill-Kummissjoni lil terzi — Sigriet professjonalni — Rata tal-korrezzjoni finanzjarja — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni — Stħarriġ ġudizzjarju)

(2013/C 101/04)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellant: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: P. Mylonopoulos u K. Boskovits, aġenti, assistiti minn G. Michailopoulos, Δικηγόρος)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblītē u D. Triantafyllou, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Lulju 2011 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-81/09) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 8573, tal-15 ta' Diċembru 2008, rigward it-tnaqqis tal-għajnejha finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iż-żvilupp Reġjonali (FEŻR), inizjalment mogħiġa favur programm operativ li jaqa' taħt l-objettiv 1 (1994-1999), “Aċċessibbiltà u Toroq Princípali” fil-Greċja

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 340, 19.11.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-19 ta' Settembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Bruxelles — il-Belġju) — Daniel Levy, Carine Sebbag vs État Belge

(Kawża C-540/11) ⁽¹⁾

(Moviment liberu tal-kapital — Tassazzjoni diretta — Tassazzjoni ta' dividendi — Ftehim bilaterali dwar ħelsien minn taxxa doppja — Emenda ulterjuri, minn wieħed miż-żeġ Stati partijiet għall-ftehim, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha l-effett li ddaħħal mill-ġdid taxxa doppja — Obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikoli 10 KE u 293 KE)

(2013/C 101/05)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Tribunal de première instance de Bruxelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Daniel Levy, Carine Sebbag

Konvenut: État Belge

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal de première instance de Bruxelles — Interpretazzjoni tal-Artikoli 10, 57(2) u 293 tat-Trattat KE — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-taxxa doppja minkejha ftehim bilaterali dwar ħelsien minnha — Emenda leġiżlattiva nazzjonali magħ-mula wara li sar il-ftehim — Tqegħid inkwistjoni ta' dritt miksub — Ostaklu għall-moviment liberu tal-kapital

Dispożittiv

Sa fejn il-miżura jew id-dritt Komunitarju, kif applikabbli fis-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, ma jeħtieġ x kriterji ġenerali għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-eliminazzjoni ta' taxxa doppja fil-Komunità Ewropea, l-Artikolu 56 KE, moqrif flimkien mal-Artikoli 10 KE u 293 KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreklidix sitwazzjoni li fiha l-Stat Membru, li jobbliga ruħu, bi ftehim bilaterali dwar ħelsien minn taxxa doppja li jistabillixxi mekkaniżmu intiż li jelimina tali taxxa ta' dividendi, sussegwentement inneħħi dan il-mekkaniżmu b'emenda leġiżlattiva li għandha l-effett li tintroduċi mill-ġdid taxxa doppja.

⁽¹⁾ ĠU C 25, 28.01.2012

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2012 — Evropaiki Dynamiki — Proigmenna Systimata Tilepikoinon Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-597/11 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kuntratt pubbliku mogħiġi mill-Kummissjoni — Offerta miċħuda — Obbligu ta' motivazzjoni — Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 — Artikolu 89 — Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 — Artikoli 140 u 141 — Terminu sa meta jintlaqgħu l-offerti — Terminu għal-preżentazzjoni ta' talbiet għal informazzjoni)

(2013/C 101/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Evropaiki Dynamiki — Proigmenna Systimata Tilepikoinon Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: M. Wilderspin, aġġent)